Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT DR.
## MIRIAM HAYMAN

Seduta tad-9 ta' Mejju, 2003

**Il-Pulizija**
**(Sp. Michael Mallia)**
**(Sp. Walter Spiteri)**

**vs**

**Hachem Ali ta' 26 sena, iben Abdul Gawad u Fudda Abdulls, imwieled fis-Sirja fl-20 ta' April, 1975, u joqghod 17, St Paul's Flats, Flat 1, Sqaq Tmna, San Gwann, u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 20812 (A)**

**Charles Sammut ta' 23 sena, iben il-mejjet Kalcidon u Katy nee Agius, imwieled Pieta' nhar is-26 ta' Frar, 1978, u li joqghod 16, Triq il-Fraxxnu, Ta' Giorni, San Giljan, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 179478 (M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmija Hachem Ali u Charles Sammut li gew akkuzati talli nhar l-14 ta' Frar, 2002 ghall-habta tas-1.00 ta' filghodu, waqt li kienu f'Rahal il-Gdid, bil-hsieb li jaghmlu delitt, u cioe serq mill-fond "Paola Wolves Bocci Club" ikkwalifikat bil-valur li jiskorri l-elf lira Maltija, bil-mezz, kif ukoll bil-hin ghad-detriment ta' Rodney Spiteri minn Rahal il-Gdid, urew dan bil-hsieb b'atti esterni u taw bidu ghall-ezekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma giex ezegwit minhabba xihaga accidentali u ndipendenti mill-volonta' taghhomm,

Charles Sammut akkuzat ukoll talli sar recidiv ai termini tal-artikoli 49 u 50, tal-kap 9 tal-Ligjiet ta' Malta, b'sentenzi moghtija mill-Qrati tal-Magistrati (Malta) fis-26.6.1997 (Awla 8), fit-18.9.1998 (Awla 15), fit-12.2.1999 (Qorti tal-Appelli Kriminali), fid-19.2.1998 (Awla 4), fis-7.4.2000 (Awla Magt. M. hayman LL. D.) liema sentenzi saru definittivi.

Rat l-ammissjoni ta' l-akkuzati fis-seduta tad-19 ta' Frar, 2003.

Rat l-Artikoli ta' l-Avukat Generali taht liema tista' tinstab htija li jaqraw:

Fil-konfront ta' Hachem Ali

(a) fl-artikoli 41(1)(a), 261(b)(c)(f), 263, 264, 265, 266, 267, 270, 278, 279, 280, 281 u 533 tal-Kodici Kriminali,

Fil-konfront ta' Charles Sammut

(a) fl-artikoli 41(1) (a), 261(b)(c)(f), 263, 264, 265, 266, 267, 270, 278, 279, 280, 281, u 533 tal-Kodici Kriminali,
(b) fl-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali.

Fil-konfront ta' Charles Sammut rat id-depozizzjoni ta' Mary Grace Vella mahtura bhala Probation Officer minn Qorti diversament preseduta. Hasset ukoll din il-Probation Officer li tipprezenta rapport in konfront ta' Charles Sammut.

Ma tistax il-Qorti ma tikkummentax il-fatt li Charles Sammut ilu fil-problema tad-droga pero' donnu ma jridx jitghallem xejn.

Illi gie stabbilit li fil-fatt jekk Sammut ikollu xi tip ta' supervizjoni, din tista' tghinu hafna.

Semghet it-trattazzjoni ta' l-abbli partijiet in vista ta' l-ammissjoni wara li rat l-artikoli 41 (1)(a), 261(b)(c)(f), 263, 264, 265, 266, 267, 270, 278, 279, 280, 281 tal-kap 9 fil-konfront taz-zewg akkuzati u l-artiklu 49, 50 u 288 fil-konfront biss ta' Charles Sammut, rat ukoll l-art 31 tal-kap 9 tikkundanna lil Hachem Ali ghal tmintax-il xahar habs sospizi ghal tliet snin wara li rat l-art 28A tal-Kap 9.

Fil-konfront ta' Charles Sammut tikkundannah ghal sentejn habs li minnhom ghandu jitnaqqas l-arrest preventiv.

Rat l-artiklu 23 tal-Kap 9 u tordna l-konfiska tal-vettura KAA-373.

--------------------------------TMIEM--------------------------------